# L-Istorja tal-Istatwa tal-**Madonna tad-Duttrina** fil-Parroċċa ta' Santa Marija, Birkirkara

minn **Sandro Sciberras**




Matul is-seklu 19, f'Birkirkara, apparti l-festa ta' Sant'Elena, kien hawn ukoll festa oħra importanti u ta' devozzjoni kbira: dik tal-Madonna tad-Duttrina. Din il-festa, għalkemm waħda sekondarja, kienet tħabbatha sew ma' dik ta' Sant'Elena u jingħad li għal xi snin, kienet iktar popolari minn Sant'Elena.

F'dawn is-snin, il-Knisja Maltija kienet imħassba sew fuq ir-riskju li r-reliġjon Protestanta, li ġabu magħhom il-ħakkiema Ingliżi, setgħet tagħmel għeruq ukoll f'Malta. Għal dan il-għan, il-Knisja bdiet tagħti importanza ikbar lit-tagħlim tad-Duttrina Kattolika, speċjalment lit-tfal.

Kien f'dan iż-żmien, fl-1820, li grupp ta' nies talbu lill-Prepostu ta' dak iż-żmien u lill-Isqof biex jagħtihom il-permess iwaqqfu l-Konfraternità tal-Madonna tad-Duttrina fil-Parroċċa ta' Sant'Elena. L-iskop ta' din il-Konfraternità, fost oħrajn, kien li jgħallmu l-Katekiżmu lit-tfal. Huma talbu wkoll li jingħataw il-permess biex jużaw il-Knisja tal-Ħerba bħala Oratorju. Dawn il-permessi ingħatawlhom.

Bis-saħħa ta' din il-Fratellanza, id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duttrina kibret sew u kienet tiġi ċċelebrata bil-kbir. Billi l-festa kienet kibret sew u kienet issir ukoll purċissjoni, il-Fratelli ħasbu li jikkummissjunaw statwa proċessjonali biex toħroġ fil-purċissjoni fil-festa. Fl-1834 inħadmet statwa tal-Madonna tad-Duttrina tal-injam, bilqiegħda fuq tron, tirfes fuq żewġ kotba b'serp maqbud f'nofshom. Dan ovvjament jissimbolizza ir-rebħa fuq it-tagħlim qarrieqi. L-istatwa tidher li kienet tkun imżejna sew fil-festa, minħabba li l-Madonna għandha toqob fil-widnejn għal xi imsielet u wara rasha għad hemm il-kamin fejn kien jintrabat xi stellarju. Din il-festa kienet tiġi ċċelebrata f'Ħadd it-Trinità (il-Ħadd ta' wara Pentekoste).

Dak li jagħmel din l-istatwa interessanti ħafna hu l-għażla tal-istatwarju li jagħmel statwa fejn il-figura tal-Madonna hija bilqiegħda. Din mhix pożizzjoni komuni għal statwa tal-Madonna tad-Duttrina, iżda l-ikonografija hija ċara. Din il-pożizzjoni taqbel mal-invokazzjoni tal-litanija "Tron ta l-Għerf" jew Sedes Sapientiae. Relatata ma' dan hija l-iskrizzjoni li nsibu fuq il-bank tal-istatwa li tgħid: "Qui appropinquant pedibus ejus accipient de doctrina illius", li tfisser "... u huma f'riġlejk joqogħdu, kull wieħed jiġbor kliemek" (Dewt. 33, 3).

Jibqa l-fatt li l-iskultur tagħha mhux magħruf, allavolja wieħed jista' jispekula minn seta' kien. Statwarji magħrufa dak iż-żmien kienu: Salvu Dimech, Salvu Psaila, Pietru Pawl Azzopardi, Xandru Farrugia u Antonio Chircop. Bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien saru statwi oħra magħrufa f'Malta, li wkoll għandhom l-istess poża bilqiegħda. Waħda minnhom hi l-istatwa ta' San Girgor, statwa tal-ġebel li tinsab quddiem il-knisja l-qadima ta' San Girgor fiż-Żejtun, fuq disninn ta' Vincenzo Hyzler u xogħol Salvu Dimech.

Mill-banda l-oħra, kienet proprju din l-pożizzjoni tal-Madonna bilqiegħda li ma tantx għamlitha popolari mal-Karkariżi bħala statwa proċessjonali. Kien għal din ir-raġuni li din l-istatwa ma tantx damet tintuża wisq fil-purċissjonijiet.  Fl-1870 giet ordnata statwa ġdida tal-Madonna tad-Duttrina, li preżentement tinsab fil-knisja ta' Sant'Elena. Din hija xogħol ta' Karlu Darmanin.

Meta l-istatwa l-ġdida tlestiet, l-istatwa l-qadima tal-injam ġiet imwarrba u tpoġġiet fil-knisja ta' Santa Marija, li sa dak iż-żmien kienet ġa ilha magħluqa għal madwar 100 sena. Minn dak iż-żmien sa l-2008, l-istatwa kienet ġo niċċa fis-sagristija. F'dawn is-snin l-istatwa sarulha ħsarat kbar li kienu jirrikjedu attenzjoni urġenti.

Fl-2008 intlaħaq ftehim bejn il-Parroċċa u Heritage Malta biex l-istatwa tiġi restawrata fil-Conservation Division ta' Heritage Malta. f'Bighi. Din tlestiet u nġiebet lura fil-knsija nhar l-1 ta' Marzu 2010. Tlesta wkoll rapport dettaljat dwar l-istorja u l-proċess ta' konservazzjoni li jista' jiġi kkonsultat minn kull min hu intersssat.

